MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 80/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton F. Attard**

**Il-Qorti**:

Rat it-tahrika ta' kawza privata li permezz taghha l-Pulizija Ezekuttiva ordnat lil Anton F. Attard sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) billi kien akkuzat mir-Reverendu Dun Karm Grech talli f'Ghawdex wara Gunju 2003, permezz tal-pubblikazzjoni bl-isem *L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet* bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tieghu (cioe` ta' l-istess Dun Karm Grech) wegghu bil-kitba tieghu u mmalafamah, u dan billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu, jew li jesponieh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, "bil-ksur tal-Artikolu 252 u l-Artikoli ta' warajh tal-Kodici Kriminali u kif ukoll l-Artikolu 11 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta'

Malta"; ic-citazzjoni tkompli tghid li, f'kaz ta' htija, il-Qorti kienet qed tintalab li tapplika *mutatis mutandis* il-provvedimenti tal-Artikolu 20 tal-Att ta' l-Istampa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta' Frar 2006 li permezz taghha dik il-qorti ddecidiet hekk:

**"Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 252 tal-Kap. 9 u l-artikoli 11 u 20 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li qed issib lil imputat Anton F. Attard hati ta' din l-istess akkuza u tikkundannah l-massimu ta' multa permess mill-ligi ta' hames mitt lira maltin.**

**"Tiddikjara li mhux ser tiehu konjizzjoni tal-akkuzi kif formolati taht l-artikoli** *(sic!)* **11 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom u konsegwentement tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 20 tal-istess Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta."**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anton F. Attard, minnu presentat fit-2 ta' Marzu 2006, li permezz tieghu talab ir-riiforma tal-imsemmija sentenza fis-sens illi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ma haditx konjizzjoni tal-akkuzi dedotti kontra l-appellant taht il-Kap. 248, izda tirrevokaha in kwantu sabitu hati taht l-Artikolu 252(1)[1] tal-Kodici Krminali, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

---

[1] Il-Qorti tosserva li, a differenza tas-sentenza kwazi identika u dwar l-istess pubblikazzjoni fl-appell numru 79/06, id-*decide* f'din (app. nru 80/06) xejn ma hu car. In fatti, filwaqt li l-ewwel qorti tirreferi, fil-paragrafu penultimu tas-sentenza, kemm ghall-Artikolu 252 (minghajr indikazzjoni tas-subartikolu) tal-Kap. 9 kif ukoll ghall-Artikoli 11 u 20 tal-Kap. 248, tghid imbaghad li qed issib lill-imputat hati "ta' din l-istess akkuza" minghajr ma tiddistingwi bejn il-Kap. 9 u l-Kap. 248. Jista' jinghad, pero`, li kemm mill-paragrafu ta' l-ahhar – hawn aktar 'l fuq riportat – kif ukoll mill-paragrafu a fol. 93 tas-sentenza appellata li jghid testwalment "Illi ghalhekk mis-suespost, jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn, li l-imputat ghandu jinsab hati tal-akkuza kif dispost fl-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta", wiehed ghandu neccessarjament jikkonkludi li l-ewwel qorti kienet effettivament qed issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 252. Anke l-appellant mhux qed jikkontesta dan. Infatti it-tieni aggravju tieghu jibda hekk: "Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputat hati ta' ingurja ai termini ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9…"

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' referenzi (proprjament ta' sottomissjonijiet) tar-Reverendu Dun Karm Grech (bhala l-parti leza) tal-31 ta' Mejju 2006, kif ukoll dik ta' l-appellant tat-28 ta' April 2006; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' April 2006; ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant ressaq zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-proceduri, anke fir-rigward tal-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodci Kriminali, kienu nulli ghax l-ewwel qorti ppermettiet li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija Ezekuttiva meta l-istess prosekuzzjoni kellha titmexxa mill-kwerelant ossia mill-parti leza. It-tieni aggravju, li tressaq interament bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-imsemmi appellant hati skond l-Artikolu 252(1) imsemmi peress li "l-att materjali f'dan il-kaz kien jikkonsisti fil-fatt illi l-esponent bil-pubblikazzjoni u d-divulgazzjoni tal-ktieb *L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet* kien ingurja lir-Reverendu Dun Karm Grech[2] u esponieh ghar-ridikolu u disprezz tal-pubbliku [u ghalhekk] dan l-att materjali huwa processibbli *(sic!)* u punibbli biss fit-termini tal-artikoli 3 u 11 tal-Kap. 248 u huwa kompletament estraneu ghall-artikolu 252(1)".

B'nota tal-5 ta' April 2006 l-Avukat Generali fisser li fil-fehma tieghu, galadarba l-appellant kien qed jissolleva n-nullita` tal-proceduri ghax l-ewwel qorti ppermettiet li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija Ezekuttiva meta suppost li din tmexxiet mill-kwerelant, allura l-konsegwenza kellha tkun li, galadarba dan id-"difett

---

[2] Kif diga` gie accennat fin-nota *in calce* nru 1, *supra*, flimkien ma' dan l-appell hemm appell iehor (fejn is-sentenza in prim istanza nghatat ukoll fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Anton F. Attard) li jirrigwarda wkoll l-istess stampat, izda din id-darba l-allegata ingurja hija, skond l-imputazzjoni, fil-konfront tar-Reverendu Patri George Aquilina. Dan hu l-appell nru 79/06, li, kif qablu l-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' April 2006, instema' kontestwalment ma' l-appell nru 80/06. Ir-rikorsi ta' appell ta' Anton F. Attard huma identici, hlief li, naturalment f'rikors minnhom jissemma' Patri Aquilina u fl-iehor Dun Karm. Jidher, pero`, li meta r-Registratur inserixxa r-rikorsi ta' l-appell fil-processi, dak fejn jissemma' Patri Aquilina ddahhal, evidentement bi zvista, fl-atti bin-numru 80/06, mentri dak fejn jissemma' Dun Karm iddahhal fl-atti bin-numru 79/06. Dan ma jbiddel sostanzjalment xejn.

procedurali" kien gie sollevat mill-imputat fin-nota responsiva tieghu tas-27 ta' Settembru 2005[3], din il-Qorti tapplika l-Artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. Fi kliem iehor, l-Avukat Generali qed jipprospetta li, minhabba n-nuqqas ravvizat mill-appellant, inkisret jew ma saritx xi formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-imsemmi subartikolu (3), b'mod li din il-Qorti ghandha thassar s-sentenza u tisma' hi mill-gdid il-kawza. In vista ta' din in-nota ta' l-Avukat Generali, l-appellant, tramite l-abbili difensur tieghu Dott. Carmelo Galea, kien pront irtira l-ewwel aggravju mit-tnejn imressqa fir-rikors ta' appell (ara l-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' April 2006), b'mod li ghalhekk issa baqa' biss x'jigi kkunsidrat minn din il-Qorti it-tieni aggravju. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkummenta, anke jekk biss *obiter*, dwar il-kwistjoni ta' min kellu jmexxi l-prosekuzzjoni f'din il-kawza, u dan peress li din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhomx jithallew ghaddejja certi spropositi legali u prassi mhux konformi mal-ligi li jistghu jizgwidaw kawzi ohra fil-futur.

F'dan il-kaz, ic-citazzjoni hija kjarament intestata "tahrika ta' kawza privata". Minn hejja c-citazzjoni, ghalhekk, jidher li kien konxju tal-fatt li, sia jekk si tratta ta' libell kriminali taht il-Ligi ta' l-Istampa – fejn allura japplika l-Artikolu 31 tal-Kap. 248 – u sia jekk si tratta tar-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali – fejn allura japplikaw l-Artikoli 4(2), 255, 370(1), 373 u 374 tal-istess Kodici – hawn si trattava ta' kawza li, ghalkemm wahda penali, il-prosekuzzjoni kellha titmexxa mill-kwerelant (b'mod li eventwalment is-sentenza tinghata wkoll fl-ismijiet *Rev. Dun Karm Grech v. Anton F. Attard*). Hawn kellna imputazzjoniji li tipotizza reati fejn il-piena ma teccedix is-sitt xhur prigunerija[4], reati li jehtiegu l-kwerela tal-parti leza, u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha wkoll titmexx mill-kwerelant – ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Philippa Farrugia*** App. Krim. 6/12/1995; ***Il-Pulizija v. Pietru Cutajar*** App. Krim. 12/9/1996. Din il-Qorti ma tistax

---

[3] U dan a differenza – dejjem skond l-Avukat Generali – ta' dak li kien gara fil-kawzi li taw lok ghas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*** (20/1/1997 Kollez. Vol. LXXXI.iv.91) u ***Il-Pulizija v. Rev. Dr Joseph Bezzina u Joseph Debono*** (26/4/2002 Kollez. Vol. LXXXVI.iv.132).

[4] Bil-mod kif giet formulata l-imputazzjoni ma hux qed jigi invokat is-subartikolu (3) tal-Artikolu 252 tal-Kap. 9.

tifhem, ghalhekk, ghala fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri tat-22 ta’ Jannar 2004, dik il-qorti ppermettiet li l-“okkju” tal-kawza jitnizzel – u jibqa’ hekk jitnizzel sal-udjenza tat-23 ta’ Frar 2006 – “Il-Pulizija v. Anthony Attard” minflok “Rev. Dun Karm Grech v. Anthony Attard”. Anqas tista’ din il-Qorti tifhem ghala l-ewwel qorti, fil-verbal ta’ l-imsemmija udjenza tat-22 ta’ Jannar 2004 u fil-verbali ta’ diversi udjenzi ohra, irregistrat li kien qed jidher Ufficjal tal-Pulizija “ghal-prosekuzzjoni”, mentri l-kompjant Dott. Micheal Grech (u wara l-mewt ta’ Dott. Michael Grech, Dott. Georgine Grech) gie indikat li qed jidher “ghall-parte civile”. Kif inghad, trattandosi ta’ kawza privata, il-Pulizija mhux suppost li kienet parti fil-kawza u ghalhekk Dott. Grech kellu jigi registrat bhala li kien qed jidher ghall-kwerelant li kien qed qed imexxi l-prosekuzzjoni hu stess (assistit, naturalment, mill-istess Dott. Grech). Ghal dan in-nuqqas, naturalment, jahti wkoll il-kwerelant (u d-difensuri tieghu), li jidher li qatt ma gibed l-attenzjoni ta’ l-ewwel qorti ghal dan in-nuqqas. Jidher li kien biss fin-nota responsiva ta’ l-imputat tas-27 ta’ Settembru 2005 (fol. 43) li l-kwistjoni ta’ min kellu jkun il-prosekutur tqajjmet. Minkejja dan, il-verbal ta’ l-udjenza tas-27 ta’ Ottubru 2005 (fol. 63) rega’ indika l-partijiet bhala “Il-Pulizija” min-naha l-wahda u “Anthony Attard” min-naha l-ohra, u indika lill-Ispettur Maurice Curmi bhala “l-Ufficjal Prosekutur”. Is-sentenza eventwalment inghatat fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech) v. Anton F. Attard*** bil-konsegwenza li Dun Karm Grech x’aktarx tilef id-dritt ta’ appell tieghu (ara ***Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*** App. Krim. 20/1/1997[5]): din u din biss (cioe` li l-kwerelant jitlef id-dritt ta’ appell jekk ma jkunx effettivament mexxa hu l-prosekuzzjoni jew is-sentenza tinghata f’ismijiet li ma jinkludux lilu), fil-fehma ta’ din il-Qorti, kellha se mai tkun il-konsegwenza tal-fatt li l-Pulizija Ezekuttiva thalliet (mill-istess Qorti Inferjuri u bil-kunsens tacitu tal-kwerelant) tkun “parti” f’dawn il-proceduri, proceduri li kienu korrettement mibdija b’”tahrika ta’ kawza privata”, u dan sia in kwantu l-proceduri jirreferu ghall-libell taht il-Ligi ta’ l-Istampa u sia in kwantu jirreferu ghar-reat kontemplat fl-

[5] Ara nota *in calce* nru 3, *supra.*

Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk hija skorretta dik il-parti tas-sentenza appellata li tghid testwalment:

**"Illi konsegwentement ghalhekk, ghal darb' ohra din il-Qorti tirrileva li l-proceduri odjerni in kwantu jirreferu ghal artikolu** [recte: ghall-artikolu] **11 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta huma rritwi** *(sic!)* **u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuzi naxxenti mill-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta u tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 20 tal-istess Att tal-Istampa."**

Apparti dak li diga gie osservat minn din il-Qorti, it-talba ghall-applikazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 20 saret mill-kwerelant, kif jidher kjarament mic-citazzjoni, fejn huwa l-kwerelant, Dun Karm Grech, li qed jakkuza u jitlob *inter alia* l-applikazzjoni ta' dik id-disposizzjoni tal-ligi.

Iccarat dan il-punt, din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni (u, wara l-verbal tal-udjenza tal-10 ta' April 2006, l-uniku aggravju) ta' l-appellant. Fi kliem l-appellant:

**"Minn ezami tad-disposizzjonijiet taht il-Kap. 9 u taht il-Kap. 248 ghar-rigward l-offiza ta' l-ingurja, johrog bic-car li fejn l-ingurja ssir bil-kitba, izda ma tissodisfax l-elementi ta' 'stampat' u 'pubblikazzjoni', hekk kif definit fil-Kap 248, il-ligi applikabbli ghandu jkun il-Kodici Kriminali, precizament artikoli 252 *et seq* ta' l-istess Kodici. Fejn l-ingurja ssir permezz ta' l-Istampa tapplika l-ligi specjali dwar l-Istampa. Dan huwa wkoll in linea mal-massima fundamentali *lex specialis derogat lex generalis* [6]. Li ghamlet, pero`, l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kaz odjern kien analizi gurisprudenzjali dwar ir-reat ta' l-ingurja bl-istampa u erroneament applikat din l-analizi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 252(1)."**

Issa, a propositu ta' dana l-aggravju, ghandhom jigu senjalati tlett cirkostanzi importanti:

---

[6] Jew: "Lex specialis derogat legi generali".

i. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant b'ebda mod ma hu qed jghid jew jillanja li l-kitba in kwistjoni ma kienitx ingurjuza ossia malafamanti fil-konfront tar-Rev. Patri Aquilina. In fatti fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tal-10 ta' April 2006, l-abbili difensur ta' l-appellant lealment stqarr li jekk din il-Qorti ma taqbilx li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 256 tal-Kodici Kriminali, il-klient tieghu ma setax jinstab hati taht l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali galadarba "…l-att materjali huwa processibbli u punibbli biss fit-termini tal-artikoli 3 u 11 tal-Kap. 248…" (sottolinear ta' din il-Qorti), allura kellu jsegwi li tigi kkonfermata l-htija ta' l-appellant skond l-imsemmi Artikolu 252(1).

ii. Fin-nota responsiva tieghu tas-27 ta' Settembru 2005, fil-parti intestata "Id-Disposizzjonijiet tal-Ligi li l-Imputat Huwa Akkuzat li Kiser", f'ebda hin l-appellant, allura imputat, ma accenna minimament ghall-imsemmi Artikolu 256, jew issottometta li l-Artikolu 252(1) ma kienx applikabbli. Anzi huwa jibda billi jikwota kemm l-Artikolu 252(1) tal-Kap. 9 kif ukoll l-Artikolu 11 tal-Kap. 248 (ara fol. 162) u jezamina l-elementi kostituttivi tat-tnejn li huma. U aktar tard, taht il-parti intestata "Il-Linja Difensjonali ta' l-Imputat", huwa jghid: *"Minghajr pregudizzju ghall-osservazzjonijiet maghmulin minnu in linea preliminari, l-imputat jissotometti bir-rispett li hemm erba ragunijiet partikolari li abbazi taghhom huwa ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-kwerelant Rev. Dun Karm Grech: 1. in-nuqqas ta' l-element materjali tar-reat, 2. in-nuqqas ta' l-*animus injuriandi*, 3. id-difiza tal-*fair comment*, 4. kritika harxa hija permissibbli."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Anke hawn u anke taht is-sub-intestatura "In-nuqqas ta' l-element materjali tar-reat", imkien l-imputat ma accenna ghall-fatt li, minhabba l-imsemmi Artikolu 256, l-Artikolu 252(1) ma kienx applikabbli.

iii. L-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, ma lliberatx lill-imputat mill-imputazzjoni taht l-Artikolu 11 tal-Kap. 248, izda semplicement astjeniet milli tiehu

konjizzjoni ta' dik l-akkuza in kwantu formolata taht l-imsemmi Artkolu 11.

Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l-appellant li ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l-Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bill-mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248.

Il-konsegwenza logika ta' dan kollu hi li f'dan il-kaz fis-sentenza appellata hemm sejbien ta' fatt – li Dun Karm Grech gie ingurjat ossia malafamata b'dak li nkiteb fil-ktieb *L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet* – izda l-artikolu tal-ligi msemmi fl-istess sentenza bhala li jikkontempla dak ir-reat huwa zbaljat. Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mary Grech***, l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat dejjem giet ekwiparata man-nuqqas ta' indikazzjoni ta' tali artikolu, bil-konsegwenza li ma jkunx gie osservat l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. In-non-osservanza ta' l-Artikolu 382 jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali – skond it-tieni parti tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kap. 9 – liema nuqqas huwa sollevabbli anke *ex officio* mill-Qorti. Ghalhekk fic-cirkostanzi – u ghal din ir-raguni, u mhux ghar-raguni indikata mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-5 ta' April 2006 aktar 'l fuq imsemmija – din il-Qorti sejra thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, izda biex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami, mhux sejra tisma' l-kawza mill-gdid hi, u minflok ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti (***Il-Pulizija v. Lawrence Gatt*** App. Krim. 6/1/2000 Kollez. Vol. LXXXIV.iv.128).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li qed tissoleva *ex offico* n-nullita` tas-sentenza appellata minhabba n-non-osservanza ta' formalita` sostanzjali, tiddisponi mill-

appell interpost billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita` taghha, u, biex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami, filwaqt li tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel l-udjenza tat-22 ta’ Jannar 2004, tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti, sabiex din, wara li tisma’ l-provi mill-gdid, tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------